# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 17**

**Rikors numru 241/10/2**

**Rachelle Micallef**

**v.**

**Renald Micallef**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tal-attriċi mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-2 ta' Lulju, 2020, dwar id-divorzju bejn il-partijiet.

2. Il-kawża nbdiet b'rikors maħluf preżentat mill-attriċi ('appellanti') fil-15 ta' Lulju, 2010, fejn ippremettiet u talbet is-segwenti:

*"1. Illi l-kontendenti żżewwġu nhar id-disgħa u ghoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) u dan skont ma jirrizulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ li qed jiġi anness u mmarkat bħala Dokument 'A'.*

*2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġ ulied li jisimhom Shanaia li twieldet fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) u Riley li twieled fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), u dan skont ma jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri li qed jiġu annessi u mmarkati bħala Dokumenti 'B' u 'C' rispettivament.*

*3. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibbli minħabba li l-intimat irrenda ruhu ħati lejn martu l-esponenti ta' adulterju, swat, theddid, sevizji, eċċessi u inġurji gravi, kif ukoll minħabba inkompatibilita` ta' karattru.*

*4. Illi l-esponenti talbet u ottjeniet l-awtorizazzjoni meħtieġa sabiex tipproċedi f'dina l-istanza kontra żewġha għas-separazzjoni personali skont ma jirriżulta mid-Dokument 'D' li qed jiġi anness.*

*5. Illi ma hemmx lok għal rikonċiljazzjoni u għalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Jgħid għalhekk l-intimat għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli QOrti m'għandiex:*

*i. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Micallef minhabba adulterju, swat, theddid, sevizji, eċċessi u ingurji gravi li l-intimat ikkometta kontra martu l-esponenti, u kif ukoll minħabba inkompatibilita` ta' karattru.*

*ii. Tafda lill-esponenti bil-kura u kustodja tal-minuri Shanaia u Riley, salv l-aċċess tal-intimat għall-istess ulied minuri jekk ikun il-każ.*

*iii. Tikkundanna lill-intimat għall-istess uliedha minuri dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-liġi, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għal għoli tal-ħajja, u ordni għall-ħlas dirett mill-paga tal-intimat, li għandhom jiġu ffissati minn din l-Qorti.*

*iv. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*v. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jiġu stabbiliti l-porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist magħmul bix-xoghol u bil-ħila tal-esponenti, u dana kollu okkorrendo bl-opera ta' perit nominad, u billi jiġi nominat Nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.*

*vi. Tassenja lill-esponenti d-dar matrimonjali numerata mija sebgħa u għoxrin (127) Triq il-Farfett tal-Fejġel, Zabbar.*

*vii. F'kaz li din l-Qorti ma tilqax is-sitt talba, tawtorizza lill-esponenti sabiex tabita fl-imsemmija dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-intimat, u tagħti kull provvediment xieraq u opportun għal dan l-iskop.*

*viii. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni u krediti parafernali u dotali tagħha.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li qieghed jiġi minn issa inġunt għas-subizzjoni."*

3. Permezz ta' risposta maħlufa preżentata fl-10 ta' Awwissu, 2010,[1] il-konvenut wieġeb:

*"1. Illi l -esponent jaqbel li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali minn ma martu r-rikorrenti imma mhux għar-raġunijiet attribwibbli lilu iżda lilha;*

*2. Illi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser kaġun tal-adulterju, l-eċċessi, s-sevizzi, l-moħqrija, t-theddid, l-inġurji gravi u il-vjolenza kommessa mir-rikorrenti fuq l-esponent, kif ser jiġi pprovat tul it-trattazzjoni tal-kawza;*

*3. Illi l-esponent qed jopponi li l-kura u l-kustodja tal-minuri ulied tiġi fdata f'idejn ir-rikorrenti esklussivament, huwa bhala l-missier l-minuri jħoss li l-istess għandha tkun konguntiva bejn il-partijiet, bi dritt ta' aċċess lejn l-esponent;*

*4. Illi l-esponent jopponi għat-talba li jħallas manteniment għal martu u dana stante li hija ghandha l-eta u l-kapacita' li taħdem, kif del resto qed tagħmel fil-prezent f'impjieg full-time; l-esponent m'ghandux diffikulta li jmantni lil uliedu, fil-fatt huwa diġa ħa ħsieb li jibgħat pagament versu l-manteniment tal-ulied;*

*5. Illi l-esponent mhux qed jopponi li l-komunjoni tal-akkwisti tiġi xjolta, terminata u likwidata;*

*6. Illi l-esponenti jaqbel li kull parti għandha tiġi assenjata dawk l-assi li jmissu lilha, izda biss wara li din l-qorti tqies it-tortijiet kommessi mir-rikorrenti fil-konfront tal-esponent, liema tortijiet waslu ghat-tkissir taż-żwieġ;*

[1] Fol. 10.

*7. Illi in vista tal-fatt li l-esponent mhux ħati ta' dak li ġie ddebitat lilu huwa ma għandux jiġi penalizzat skont dak li jipprovdu l-artikoli 48 sa 53 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*8. Illi l-esponenti qed topponi s-sitt talba stante li l-istess dar tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, l-istess għandha tinbiegħ, jitħallas id-dejn konsiderevoli, inkombenti l-istess proprjeta u jekk jifdal xi rikavat jinqasam bejn il-partijiet wara li jitqiesu it-tortijiet;*

*9. Illi fil-fehma umli tal-esponenti, lanqas is-sebgħa talba ma tista' tintlaqa`stante li kif diga intqal fil-komunjoni tal-akkwisti hemm ammonti ta' djun sostanzjali, l-assi tal-komunjoni iridu jinbiegħu biex jagħmlu tajjeb ghall-istess;*

*10. Illi t-tmien talba qed tiġi opposta stante li r-rikorrenti ma kellha ebda assi parafernali;*

*11. Illi l-esponenti qed topponi għall-ispejjez kollha ta' dawn il-proċeduri;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

4. B'rikors tat-3 ta' Frar, 2014, l-attriċi talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex il-kawża ta' firda tkompli bħala kawża ta' divorzju ai termini tal-Art. 66F tal-Kodiċi Ċivili.

5. Permezz ta' provvediment mogħti fit-2 ta' Lulju, 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) laqgħet it-talba u ordnat li l-kawża titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju skont l-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili.

6. B'sentenza mogħtija fit-2 ta' Lulju, 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet il-kawża billi:

*"1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tippronunzja l-ħall taz-zwieġ bejn il-partijiet, konjuġi Micallef;*

*2. Tilqa' it-tieni talba attriċi u tafda l-kura u kustodja tal-minuri Shania u Riley, aħwa Micallef, esklussivament f'idejn l-attriċi , iżda fir-rigward ta' dawk id-deċizjonijiet relatati mas-saħħa, edukazzjoni u safar tal-minuri, il-Qorti tordna li dawn għandhom jiġu deċizi mill-partijiet b'mod konġunt; tordna ukoll illi l-minuri jkollhom aċċess versu l-attur, liema aċċess għandu jkun kull nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa mis-6.00 sat-8.00 ta' filgħaxija u l-Ħadd mill-10.00 ta' filgħodu sat-8.00 ta' filgħaxija;*

*3. Tilqa' it-tielet talba attriċi parzjalment u dan in kwantu tordna lil konvenut iħallas lil attriċi għan-nom tal-minuri l-manteniment ta' €500 kull erba' ġimgħat, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-imsemmija minuri. Fir-rigward ta' spejjez straordinarji, dawn għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet, liema deċizjoni għandha tittiehed mil-partijiet b'mod konġunt. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal Shania u Riley, aħwa Micallef, sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu, fl-eventwalita` li ulied il-partijiet jagħzlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi full-time wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz children allowance għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri;*

*4. Tilqa' ir-raba' talba attriċi u tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;*

*5. Tilqa' l-ħames talba attriċi u tillikwida, tiddividi u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti lil partijiet skont il-provvedimenti tal-ħames parti ta' din is-sentenza u ċjoe' 'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti';*

*6. Tiċħad is-sitt u s-seba' talbiet attriċi u dan għar-raġunijiet mogħtija f'dik fis-sitt parti ta' din is-sentenza u ċjoe' 'Id-Dar Matrimonjali';*

*7. Tiċħad it-tmien talba fir-rigward tal-beni u krediti parafernali tal-attriċi.*

*8. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu żewġ terzi mill-konvenut u terz mill-attriċi."*

7. Minn din is-sentenza appellaw iż-żewġ partijiet. Sussegwentement fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 2021, l-appell tal-konvenut ġie dikjarat deżert. Jibqa' l-appell tal-attriċi li bih tilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi f'dik il-parti tas-sentenza dwar il-komunjoni tal-akkwisti, speċifikament fejn ipprovdiet dwar id-dejn akkumulat mill-appellat.

Konsiderazzjonijiet

8. Il-partijiet iżżewġu fid-29 ta' Marzu, 2003, u kien ilhom *de facto* separati minn Mejju tal-2009[2]. Fis-sentenza l-ewwel Qorti tat il-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ liż-żewġ partijiet ugwali bejniethom peress li l-appellat hu ħati ta' adulterju, sevizzi u nġurji filwaqt li l-appellanti hi ħatja ta' adulterju. Il-Qorti applikat fil-konfront tal-appellat l-effetti *in toto* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. L-ewwel Qorti llikwidat ukoll il-komunjoni tal-akkwisti, fejn iddikjarat illi d-dejn kollu tan-negozju hu tal-komunjoni tal-akkwisti:

> *"Il-Qorti tevalwa li mill-provi ma hemmx dubju li l-atti mwettqa mill-konvenut fir-rigward tan-negozju tiegħu kienu atti normali ta' ġestjoni kummerċjali, fejn il-konvenut jordna ħobz mingħand Danish Bakery Limited u konsegwentament jbiegħu lil ħwienet. Mix-xhieda ta' Joseph Mifsud, rapprezentant Danish Bakery Ltd, ingħad illi l-konvenut jagħmel pagamenti izda dejjem b'lura u li l-konvenut bħalissa jinsab lura ferm fil-pagamenti tiegħu. Il-Qorti f'dan ir-rigward tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Mafimex Limited (C7396) vs Saviour Muscat et, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-20 ta' Marzu 2019, fejn ingħad illi: "L-iskop tal-Artikolu 1324 huwa biex joħloq eċċezzjoni għar-regola ġenerali li nsibu fl-artikolu 1322 fejn jidħlu "atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju, jew professjoni". Dan ifisser li l-komunjoni tintrabat meta att straordinarji jsir minn konsorti wieħed biss,*

[2] Fol. 169.

*basta li jkun att li jaqa" fil-parametri tal-Artikolu 1324. Li kieku ma kienx hekk, ma kienx ikun hemm skop għal dan l-artikolu. Fil-kawża tal-lum ma jiswa xejn li l-attriċi ma kellhiex x"taqsam man-negozju. Wara kollox, hija kienet taf illi l-konvenut kien qiegħed jiggestixxi negozju filwaqt illi l-komunjoni tal-akkwisti kienet għadha qed topera bejniethom. Il-fatt illi hi ma kellhiex x"taqsam mannegozju ma jfissirx illi d-dejn in kwistjoni mhuwiex piż fuq il-komunjoni, u issa li ġiet xolta, piż fuq l-assi taż-żewġ konvenuti individwalment"".*

9. L-ewwel Qorti ordnat li kull waħda mill-partijiet għandha tagħmel tajjeb għad-dejn li jissemma f'paragrafu 5.2 tas-sentenza li jinkludi *"k. Id-dejn kollu tan-negozju tal-konvenut, liema dejn għadu jorbot fuq il-komunjoni tal-akkwisti"*.

10. Dwar l-imsemmi negozju, fis-seduta tal-25 ta' Frar, 2011, l-appellat xehed[3] illi xogħolu huwa li jqassam il-ħobż tad-ditta Jespers f'50 ħanut. Għalkemm qal li ilu jagħmel din l-attivita` għal ħmistax-il sena, ċioe` mill-1996, mill-provi jirriżulta li l-appellat oriġinarjament beda jaħdem bħala *salesman* bil-*commission* mas-soċjeta` Danish Bakery Ltd u kien biss fis-sena 2001 li qaleb għal *wholesaler* għall-istess ditta[4] fuq bażi *self-employed.*[5] Fix-xhieda tagħha l-appellanti ppreċiżat ukoll li għalkemm l-appellat kien diġa jaħdem bħala bejjiegħ ta' distributur ta' Danish Bakery Ltd minn qabel iż-żwieġ,[6] l-attivita` tiegħu kibret sentejn wara ż-żwieġ bejniethom meta l-appellat issellef u ħallas Lm10,000 sabiex jixtri r-rotta li għandu llum.[7]

---

[3] Fol. 78 – 79.
[4] Fol. 606.
[5] Fol. 51 et seq u fol. 670 *et seq*.
[6] Fol. 679.
[7] Fol. 256.

11. L-appellanti ppreżentat '*accounts'* ta' din l-attivita` għas-snin 2001 sa 2009[8] u sostniet li bil-ħidma kemm tal-appellat kif ukoll tagħha, kellhom introjtu ta' mill-anqas €1,200 fil-ġimgħa.[9] Iżda l-appellat dan ċaħdu[10] għaliex qal li għandu *commitments* kbar mal-banek u ma jibqagħlu xejn f'idejh. Ippreżenta *returns* fiskali fejn għas-sena bażi 2008 (sena ta' stima 2009) iddikjara *net profit* ta' €13,126[11], filwaqt li għas-sena bażi 2009 (sena ta' stima 2010) iddikjara *net profit* ta' €12,362.[12] Xehed li għalkemm ibiegħ mal-€4,500 fil-ġimgħa, minn dik is-somma irid jaqta' l-ispejjeż. B' hekk il-qligħ tiegħu jkun bejn 15% sa 17% ta' dik is-somma skont it-tip ta' prodott li jbiegħ. Ikkonferma ukoll li l-appellanti għamlet dan ix-xogħol miegħu għal madwar tliet snin.

12. Il-qorti tibda billi tosserva li l-*profit & loss accounts* li ppreżenta l-appellat għas-snin 2006 sa 2010 jagħtu stampa ta' ftit qligħ biss. Per eżempju għas-sena 2010 il-qligħ nett dikjarat hu ta' €13,647. Jekk wieħed kellu jemmen dak li hemm dikjarat, ifisser li l-appellat ħadem biss għal ftit iktar minn €1000 fix-xahar. Dan meta hu stess qal li għandu qligħ ta' bejn 15% u 17% tal-bejgħ, kif konfermat mix-xhud Joseph Mifsud ta' Corinthia Palace Hotel Company Limited.[13] Dik is-sena biss iddikjara bejgħ ta' €232,946. Il-qorti ssibha ferm diffiċli temmen li l-appellat

---
[8] Fol. 35 *et seq*.
[9] Fol. 34.
[10] Fol. 44.
[11] Fol. 52.
[12] Fol. 56.
[13] Fol. 432.

qiegħed jagħmel qligħ daqstant baxx minn dik l-attivita` meta tikkunsidra dak li xehed flimkien mar-rappreżentant ta' Danish Bakery Limited. Saħansitra missieru qal li l-appellat jgħix komdu li xehed ukoll (seduta tal-20 ta' Jannar, 2015) li hemm żewġ vetturi (Golf u BMW) li għalkemm reġistrati waħda f'ismu u l-oħra f'isem martu, isuqhom l-appellat. Evidenti li dawn huma vetturi tal-appellat għaliex ix-xhud stess qal li ma jsuqx. Jidher għalhekk li l-appellat ra kif jagħmel biex ma jurix il-ġid kollu. Dan apparti li l-appellat ilu s-snin f'relazzjoni ma' mara oħra u kellhom wild. Ma jirriżultax li l-appellat għandu xi introjtu ieħor, u dan ikompli jikkonvinċi lill-Qorti li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-appellant hi ħafna aħjar minn dik li ta fil-*profit & loss accounts* li ppreżenta u li jagħtu stampa ferm differenti minn dawk preżentati mill-appellanti.

13. Fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2011, l-appellat ippreżenta diversi dokumenti[14] biex jikkorabora dak li qal:

> *"Il-proċedura hija illi l-fabbrika ttini ċans ta' 30 jum biex inħallas. <u>Din is-sistema dejjem ħadmet u qatt ma ħabbat il-bieb ta' ħadd u dejjem irnexxieli nħallas kollox</u> ...*
>
> *Jekk per eżempju xtrajt il-vann Lm6,000 jiena dan xtrajtu mill-flus tal-fabbrika u ngħid li s-Lm6,000 valur tal-vann m'humiex inklużi fil-profit and loss account tas-sena 2009 Dok RM2. Il-flus tal-fabbrika nużahom u wara 30 jum inħallashom. Jien mill-fabbrika dejjem b' lura. Bħalissa għandi xahrejn b' lura mill-fabbrika u cioe' xi €40,000. Dawn l-€40,000 użajthom biex inħallas il-post, il-garaxx u l-loan tad-Dawra. Dawn l-€40,000 ma nafx kemm se ndum inħallashom pero' sa 30 jum ieħor iridu jkunu mħallsin. Naħseb li sa 30 jum ieħor jirnexxieli nħallashom."*[15]

[14] Fol. 88 *et seq*.
[15] Fol. 84 – enfażi tal-Qorti.

14. Il-perċentwal ta' qligħ li jagħmel l-appellat ġie filfatt ikkonfermat minn Joseph Mifsud fis-seduta tat-12 ta' Diċembru, 2012, meta xehed:

> *"Jiena naħdem Corinthia Palace Hotel Company Ltd u cioe ma' kumpanija sussidjarja tagħna Danish Bakery Limited. ..... Renald Micallef klijent tagħna u jordna mingħandna u hu jbiegħ lil ħwienet. Qed nippreżenta xi xtara Renald Micallef mit-2008 sa 6 ta' Diċembru 2012. Dok JM1 sa JM5. Jaqla bejn wieħed u ieħor 17% tat-total li hu gross. Naħseb li għandu bejn wieħed u ieħor 40 u 50 outlet.*
>
> *Sa fejn naf jien mill-van ma jbiegħx u tkun l-eċċezzjoni. Jixtri l-ħobż u pasti pero pasti ftit. Ilu miegħi sittax-il sena. Għadu klijent tagħna. Jekk ma jbiegħx spejjeż tiegħu. Ma nafx għandux impjegati u hu jiġi jieħu l-ordni u ġieli jkollu għajnuna. Lil Rachelle ġieli rajtha miegħu. Dejjem ħallas. Ġieli cash u ġieli cheque. Atteġjament tiegħu goff ta' trucker."*[16]

15. Fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2014, l-istess xhud tenna[17] li:

> *"Jien managing director Danish Bakery Limited. Renald Micallef baqa' jixtri xogħol mingħandna b'mod regolari hekk kif kien qabel. B' mod regolari nfisser kull jum u presso poco l-istess ammont. Bħala pagamenti, hu qiegħed credit normali b'xahrejn sa tliet xhur b'lura bħal ma kien qabel.*
>
> *Ilu jieħu mingħandna, bħala wholesaler mis-sena 2001. Qabel kien salesman magħna full-time bil-commission. Mit-2001 sallum bħala pagamenti hu qiegħed mhux ħażin bħalissa. Dejn magħna għandu kemm qed credit, xahrejn jew tliet xhur. Kemm hu l-ammont dovut ma nafx eżatt. Pero kull xahar jagħmel pagament u l-aħħar wieħed kien ta' €20,000. Dan isir jew b'ċekkijiet li jtuħ tal-ħwienet u jiġu endorsed u cash. Il-pagament li sar f' Jannar ikun qed iħallas ta' Novembru 2013 x'aktarx.*
>
> *Qed niġi mitlub nippreżenta rendikont tat-transazzjonijiet li saru fl-aħħar sena u ngħid li għandi bżonn l-eżenzjoni tal-Qorti.*
>
> *Van round hi rotta fejn ibiegħu l-ħobż u hu minnu li Renald xtara van round (rotta). Kellu r-rotta tiegħu fit-2001 u f'2006/7 daħal fuq rotta oħra li kienet ta' ħaddieħor u kien tah xi ħlas nassumi pero aħna ma nidħlux fiha. Naf li l-ammont ta' ħwienet li ħa over għadu jfornihom u oħrajn naf li rrilaxxhom bla ħlas.*

[16] Fol. 432 – enfażi tal-Qorti.
[17] Fol. 606.

*Nqisu bħala klijent tajjeb, normali. Naf li van round għandu waħda u kemm għandu ħwienet f' din il-van round irrid nivverifika. Naf li qed juża van Isuzu u n-number plate tal-van irrid niċċekkjah fir-records u jekk għandu aktar minn wieħed niċċekkja. Ġieli ġie waħdu, ġieli jiġi mal-partner tiegħu u ġieli tiġi l-partner tiegħu tiġbor l-ordni, tiffirma għaliha u ġieli ħallset għaliha. Jekk tħallas f' ċekk, tħallas s-soltu sa fejn naf jien għandhom tifla bejniethom."*[18]

16. Fis-seduta tat-23 ta' April, 2014, dan ix-xhud ippreżenta *transaction history* tal-appellat u lista ta' ħwienet li jforni .[19] A fol. 666 jidher li l-'*balance due'* sa lejliet dik is-seduta, ċioe` sat-22 ta' April, 2014, kien €93,689.80. Mhuwiex ċar iżda jekk dak il-bilanċ kienx effettivament dovut mill-appellat lis-soċjeta` Danish Bakery Ltd għaliex fejn jidher li sar pagament dan ma jirriżultax imnaqqas mill-kolonna tal-'*balance due'.* F'kull każ, fis-seduta tad-29 ta' Frar, 2016, Joseph Mifsud, xhud tal-appellat, ippreċiża li l-bilanċ dovut:

*"fil-31/12/2002 kien ta' Euro 15,372.98, fid-29/3/2003 kien ewro 19,232.10, fil-15/7/2010 kien euro 20,965.82 u fil-31/12/2014 kien €64,166.34"*[20]

17. Fis-seduta tat-8 ta' Ġunju, 2016[21], l-appellat ippreżenta *statement* aġġornat '*li jindika s-somma dovuta mill-konvenut lil Danish Bakery Limited fl-ammont ta' €82,000.55 sal-31 Marzu 2016'.* Skont dan id-dokument, fl-1 ta' Diċembru, 2015, l-bilanċ *brought forward* huwa 0.00[22]. Jiftiehem għalhekk illi l-bilanċ preċedenti ta' €64,166.34 kien tħallas matul

[18] Enfasi tal-Qorti.
[19] Fol. 651 et seq.
[20] Fol. 720.
[21] Fol. 732.
[22] Fol. 737 *et seq*.

is-sena 2015 filwaqt li s-somma ta' €82,000.55 akkumulat matul perjodu ta' erba' (4) xhur bejn l-1 ta' Diċembru, 2015, u l-31 ta' Marzu, 2016.

18. Joseph Mifsud, in rappreżentanza tas-soċjeta` Danish Bakery Ltd, reġa' xehed fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2020, u qal:

> *"Ġejt mitlub nagħti rendikont tad-dejn li għandhom il-partijiet u ngħid li sal-5 ta' Frar 2020 kien ta' €106,484.25 kif jirriżulta minn Dok. JM1 u dan hu d-dejn kollu li għad fadal x'jitħallas. Id-dokument juri li tali dejn imur lura sas-sena 2019 u din hija l-ewwel fattura dovuta u ċioe 2/9/2019. Għalhekk nikkonferma li kwalunkwe fatturi li setgħu kienu dovuti u li stajt xehedt dwarhom qabel f'din il-kawża huma mħallsa għax l-ewwel fattura dovuta tirrisali lura għat-2 ta' Settembru 2019. Il-VAT number sa fejn naf jien hu f'isem Renald Micallef.*
>
> *...*
>
> *Aħna ma' Renald Micallef nikkomunikaw u ninnegozzjaw.*
>
> *...*
>
> *Dwar dawn il-fatturi dovuti u l-ammont dovut lil Renald inkellmu mhux lil Rachelle. Renald jagħmel il-pagamenti pero dejjem b' lura. Jgħid li ma jkollux flus. Renald, sa fejn naf jien waħdu jaħdem. Aħna lilu nafu. Aħna nagħtu credit. Renald jagħmel pagament kull xahar imma mhux up to date u allura dejjem jibqagħlu ta' xhur b'lura. Nies oħrajn ikollhom medja ta' xahrejn b' lura. Renald qiegħed b'lura minn 2/9/2019. Ix-xogħol jimxi b' ċiklu – daqqa tiġi sena tajba u daqqa sena ħażina ... l-istatistika baqgħat l-istess ta' Renald. Pressapoco jbiegħ l-istess numru ta' ħobż. Naqbel li meta bdiet ir-relazzjoni kummerċjali ta' Renald il-partijiet kienu miżżewġin għalkemm Renald fil-bidu kien impjegat magħna u dan qabel iż-żwieġ."*[23]

19. Jirriżulta għalhekk li d-dejn in kwistjoni akkumula fuq perjodu ta' ħames (5) xhur bejn it-2 ta' Settembru, 2019, u l-5 ta' Frar, 2020, ċioe` fl-aħħar stadju tal-kawża wara li l-appellat kien ilu xejn inqas minn 5 snin sabiex iressaq il-provi tiegħu.[24] Matul dak il-perjodu l-appellanti ma kellha

[23] Fol. 799 u Dok JM1 a fol. 803 *et seq*.
[24] L-appellanti ddikjarat il-provi tagħha magħluqa fil-25 ta' Settembru, 2014, - fol. 677. Ara ukoll punt 9 tal-affidavit aħħari tal-appellat a fol. 765.

x'taqsam xejn ma' din l-attivita` kummerċjali li baqgħet tkun ġestita mill-appellat bl-għajnuna ta' Leanne Friggieri, is-sieħba tiegħu.[25]

20. Għalhekk id-dejn akkumula f'perjodu ta' ħames xhur, u hu dovut għall-ordnijiet li l-appellat għamel mingħand Danish Bakery Limited. Pero` l-ħobż li jieħu mingħand Danish Bakery Limited jerġa' jbiegħu lill-ħwienet. Ovvjament il-merkanzija li jakkwista mingħand Danish Bakery Limited jakkwistaha għaliex ikollu l-ordnijiet mingħand tal-ħwienet. Għalhekk dak li hu dovut lil Danish Bakery Limited jirkuprah personalment mingħand il-ħwienet li jixtru mingħandu. Tant hu hekk li r-rappreżentant ta' Danish Bakery Limited spjega li l-ħlasijiet li jagħmel l-appellat ikunu jinkludu *endorsed cheques* li bihom ikunu ħallsuh tal-ħwienet. Il-provi juru li l-appellat iħallas id-dejn li jakkumula ma' Danish Bakery Limited tant hu hekk li l-aħħar dejn li hemm prova tiegħu hu dak għall-perjodu mit-2 ta' Settembru, 2019, sas-7 ta' Frar, 2020, ċioe` ftit xhur qabel l-ewwel Qorti tat is-sentenza. Evidenti li Danish Bakery Limited iqisuh bħala persuna affidabbli għal dak li jirrigwarda ħlas tad-dejn għaliex il-ftehim li għandhom miegħu jipprovdi li l-kontijiet għandhom jitħallsu x-xahar ta' wara filwaqt li fir-realta` ħallewh jakkumula dejn ta' ħames xhur.

21. M'hemm l-ebda prova li l-appellat sofra xi telf jew x'aktarx ser isofri xi telf mid-dħul li għandu jirċievi mingħand tal-ħwienet. Lanqas m'hemm prova li hemm xi *bad debts* minn dik l-attivita`. Dan apparti li evidenti

[25] Fol. 748.

wkoll li l-appellanti ilha s-snin ma tgawdi personalment mill-qligħ li qiegħed jagħmel l-appellat, fis-sens li mhuwiex jitqassam qligħ. Hu l-appellat waħdu li jaf x'qiegħed jagħmel bil-ħlasijiet li jirċievi mingħand tal-ħwienet, u f'dan ir-rigward l-appellanti m'għandha l-ebda kontroll. Inoltre, l-appellat ma ressaq l-ebda prova sodisfaċenti li qiegħed jopera bit-telf. Għalhekk kif qiegħed igawdi l-qligħ u jiġbor il-ħlasijiet mingħand tal-ħwienet għall-ħobż li jixtru mingħandu, għandu wkoll jagħmel tajjeb għad-dejn li jakkumula minn żmien għal żmien ma' Danish Bakery Limited.

22. Fiċ-ċirkostanzi l-aggravju tal-appellanti qiegħed jintlaqa'.

Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ingħad hawn fuq tilqa' l-appell tal-appellanti u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-2 ta' Lulju, 2020, fis-sens li d-dejn tal-attivita` kummerċjali tax-xiri u bejgħ ta' ħobż għandu jagħmel tajjeb għalih il-konvenut biss. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Spejjeż tal-appell huma a karigu tal-konvenut appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da